# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## IMĦALLEF

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 16 ta' Diċembru 2021**

**Kawża Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1023/2017 JVC**

**Carmel *sive* Charles Farrugia (K.I. 407961M); Emanuel Farrugia (K.I. 77953M); Paul Farrugia (K.I. 722854M)**

**vs**

**Sier & Sons Limited (C56548); Frankie Zammit (K.I. 476880M); Vincent Zammit (K.I. 186383M) u Francesco *sive* Francis Zammit (K.I. 575750M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Carmel *sive* Charles Farrugia et ikkonferma bil-ġurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti huma l-proprjetarji u jiggestixxu barriera tal-franka liema barriera hija registrata bhala "Soft Stone Quarry Number 26" u dan gewwa Ta' Kandja, fil-limiti tal-Imqabba. Din il-barriera tikkonfina mil-lvant ma' Sqaq ta' Kandja;

2. Illi b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Sarah Bugeja tal-25 ta' Awissu 2017, kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata "Dok. A", is-socjeta konvenuta, rapprezentata mill-intimati Frankie u Vincent ahwa Zammit li taghha huma diretturi, akkwistat il-barriera, gja ghalqa fil-limiti tal-Imqabba, fil-kuntrada Ta' Kandja u hekk ukoll imsejjha, liema barriera hija registrata mal-Awtorita tal-Ippjanar u mal-Malta Resources Authority bin-numru 75 (qabel numru 14), tal-kejl superficjali ta' circa 3,494.8m², konfinanti mill-punent ma' Sqaq Ta' Kandja li jaghti ghal fuq Triq Wied Kosta, mil-lvant ma' raba' tal-Knisja Parrokkjali u Arcipretali tas-Siggiewi jew l-aventi kawza taghhom u mit-tramuntana ma' raba' ta' Gio Maria Vassallo jew l-aventi kawza tieghu, liema art hi murija fuq pjanta annessa mal-istess kuntratt. Inkluz fil-bejgh kien hemm kamra rustika mal-faccata li taghti fuq l-imsemmi sqaq;

3. Illi jsegwi ghalhekk, l-barriera tal-istanti hija separata mill-barriera tas-socjeta konvenuta mill-imsemmi sqaq. Hu car anke mill-istess pjanta annessa mal-kuntratt li l-isqaq huwa pubbliku u certament li ma kienx inkluz fl-akkwist tas-socjeta konvenuta;

4. Illi xi jiem wara li s-socjeta konvenuta akkwistat din il-barriera, il-konvenut Francis Zammit kellem lill-attur Paul Farrugia u talbu permess sabiex iqatta' l-blat li jifforma parti mill-

proprjeta tal-atturi liema hajt jifred il-barriera proprjeta tal-istanti mill-imsemmi Sqaq Ta' Kandja. Dan sabiex ikun jista' jidhol bil-vetturi tieghu gewwa l-barriera tieghu u minflok ma jirtira mill-faccata tieghu. Hadd mill-atturi ma ta permess sabiex jintmess il-hajt taghhom;

5. Illi ciononostante, b'mod arbitrarju u minghajr ebda kunsens tal-istanti, il-konvenuti jew min minnhom, ghal nofs Settembru 2017, qattghu il-blat formanti r-recint tal-barriera tal-istanti billi dejjquh minn tlitt piedi ghal madwar pied u dan kif jidher mir-ritratt anness u mmarkat "Dok. B";

6. Illi dan kollu sar minghajr permessi tal-Awtoritajiet kompetenti;

7. Illi fuq kollox tali agir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-esponenti li issa r-recint tal-barriera taghhom spicca ttiekel;

8. Illi ghad li debitament interpellati b'ittra bonarja tas-16 ta' Ottubru 2017 li kopja taghha tinsab annessa u mmarkata "Dok. C", sabiex jigi rimedjat l-ispoll, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

9. Illi ghalhekk, l-esponenti kellhom jirrikorri ghal din l-azzjoni;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li l-konvenuti, jew min minnhom, wettqu spoll ricenti, vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-esponenti u ghalhekk huwa jew min minnhom ghandom jigu kkundannati sabiex iregghu lura x-xogholijiet li ghamlu u jirrintegraw lill-esponenti fit-tgawdija ta' hwejjighom;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:

1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet premessi, il-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll klandestin u vjolenti ghad-detriment tal-atturi;

2. Tordna lill-konvenuti jew min mminnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jaghmlu dawk ix-xoghlijiet rimedjali kollha opportuni sabiex jirripristinaw lill-esponenti fit-tgawdija ta' hwejjighom ossia r-recint tal-barriera proprjeta taghhom "Soft Stone Quarry Number 26" gewwa Ta' Kandja, fil-limiti tal-Imqabba u senjatament dik il-parti tar-recint li taghti ghal fuq l-Isqaq Ta' Kandja dejjem fil-limiti tal-Imqabba, u dan occorrendo taht is-supervizjoni ta' periti nominandi;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi jaghmlu dawk ix-xoghlijiet rimedjali a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom, occorrendo taht is-supervizjoni ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, minn issa ingunti in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.'.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Sier & Sons Limited et li taqra kif isegwi:

1. 'Preliminarjament l-eccipjenti Frankie Zammit, Vincent Zammit u Francesco *sive* Francis Zammit mhumiex il-legittimi kontradittturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Fil-mertu, l-atturi ghandhom jipprovaw l-elementi tal-azzjoni mressqa minnhom, inkluz l-element tal-pussess u li l-azzjoni taghhom giet intavolata fiz-zmien dekadenzjali impost mil-ligi.

3. Inoltre, kull wiehed mill-atturi ghandu jikkonferma id-diminuzzjoni tal-pussess, dannu jew tfixkil fit-tgawdija ta' xi drittijiet possessorji allegati minnhom.

4. F'kull kaz, u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

5. F'kull kaz ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti kollha ma kkommettew ebda diminuzzjoni tal-pussess, dannu jew tfixkil fit-tgawdija ta' xi drittijiet possessorji ta' xi wiehed jew aktar mill-atturi.

6. Minghajr pregudizzju, it-tieni talba attrici hija insostenibbli u impossibli peress li ma jista' qatt isir ripristinar ta' blat.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.'.

Rat illi fil-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta datat is-16 ta' Jannar, 2018 il-Qorti, fuq talba taż-żewg partijiet, ħatret lill-Perit Tekniku AIC David Pace sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attriċi u dwar l-eċċezzjonijiet ta' natura teknika tal-konvenuti bil-fakolta li jisma' x-xhieda;

Rat illi fil-verbal datat 8 ta' Lulju, 2021 il-kawża ġiet differita għal-lum għad-deċiżjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-mitkub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi din hija kawża ta' allegat spoll, vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrenti jallegaw li l-intimati jew min minnhom, mingħajr il-kunsens tagħhom, qattgħu parti mill-blat li kien jifforma parti mir-reċint bejn l-isqaq u l-barriera tagħhom b'dana li l-ħxuna tal-blat djaqet b'madwar żewġ piedi mit-tlett piedi li kien hemm oriġinarjament. Jitolbu għalhekk li din il-Qorti tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghall-ispoll u sabiex jiġu ordnati jirripristinaw l-istess.

L-intimati da parti tagħhom, fl-ewwel lok jeċċepixxu li fil-livell personali mhumiex il-leġittimi kontradittur stante li hija l-kumpanija ntimata proprjetarja tal-barriera, jiċħdu fil-mertu li wettqu xi spoll u jsostnu li ma jissusistux l-elementi kollha sabiex tirnexxi l-kawża ta' spoll tentata mir-rikorrenti. Jeċċepixxu ulterjorment li r-rikorrenti jridu jikkonfermaw kif gie diminwit l-element tal-pussess allegat. Dwar ir-ripristinazzjoni jsostnu li qatt ma jista' jigi ripristinat blat.

**<u>Bażi legali:</u>**

Illi l-elementi fil-kawża ta' spoll jirriżultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodiċi Ċivili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili."

Illi skond l-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti għandha bħala elementi kostituttivi tagħha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma ġiet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esiġenza ta' utilita' socjali, intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut liċ-ċittadin privat milli jieħu l-ġustizzja f'idejh, b'dan li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni għandha l-iskop li tassigura li jiġi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tiġi qabel xejn reintegrata fil-pussess tagħha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-liġi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalih, ma jkunx jista' jeseċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa magħruf ukoll li f'kawzi simili, l-indaġini tal-Qorti għandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deċiza mill-Prim' Awla fl-4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

---

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun, li jiġi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-possessur jew detentur, u gie deċiz kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżereċitah mingħajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawża Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jingħad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat.'*
Illi kif ukoll ġie ritenut:
*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, ġie ritenut għar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso*

*qualunque o detenzione ..'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-liġi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:
*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]
u
*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Għalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anki qasir hafna u saħansitra momentanju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bażat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deċiża nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deċiż kemm-il darba, għandu jiġi pruvat mill-attur. Ir-rekwiżit li l-azzjoni ta' spoll għandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li joħroġ mill-artikolu tal-liħi stess u l-ġudikant għandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eċċezzjonijiet jew le.'*

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jiġix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileġġjat ma tistax treġġi."*

Aktar speċifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma ġiex formalment eċċepit, kif normalment u ġuridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tiegħu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jeħtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull każ ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teċċepixxi bhal dan il-każ il-preskrizzjoni tagħha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Ċivili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**<u>Provi:</u>**

A fol. 73 et tal-proċess xehed ir-rikorrent **Emanuel Farrugia** permezz ta' affidavit**.** Hu jixhed li flimkien ma' ħutu xtara l-barriera fis-sena 1990 u meta din inxtrat il-ħajt in kwistjoni, li huwa ffurmat minn blat, kien oħxon madwar tlett piedi. Jgħid li wara l-ispoll u cioe' wara li tqatta ġie bi ħxuna ta' madwar pied jew xi disa' pulzieri. Jixhed:

'Il-ħajt kien ilu hemm minn dejjem tant li dan huwa ffurmat mill-blat sal-wiċċ.'

Dwar avvenimenti aktar viċin l-ispoll jgħid li hu flimkien ma' ħutu kien sar jaf li Francis Zammit xtara l-barriera għaliex dan ċempel lil ħuħ Paul Farrugia u qallu li kien ser iqatta' mill-ħajt tar-rikorrenti sabiex ikun jista' jidħol bit-trakkijiet fil-barriera tiegħu. Jgħid li meta ċempillu ħuħ Carmel Farrugia huwa mar fuq il-post u sab il-ħajt imqatta' u jżid li kif inhu qed jikkawża periklu kbir.

Emanuel Farrugia xehed in kontro-eżami a fol. 108 et seq tal-proċess fejn sostna li l-ewwel darba lir-rikorrenti ħadu azzjoni kien meta sabu l-blat imqaxxar. Jgħid li ma ħadux azzjoni qabel għax ħadd ma kien jidħol. Dwar għalfejn daħħal lill-intimati fil-kawża jgħid għaliex Frankie, Vincent u Francis għamluli l-ħsara. Jixhed li ra lil Vince jew Franz iqattgħu għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija. Ma kienx hu li rraporta mal-Pulizija iżda ħuħ Charlie.

A fol. 74 jinsab l-affidavit tar-rikorrent **Paul Farrugia.** Dwar il-ħajt kif kien meta nxtrat il-barriera oriġinarjament jixhed l-istess bħal ħuħ Emanuel Farrugia. Dwar l-allegat spoll jixhed kif isegwi:

'Xi għaxart'ijiem qabel Francis Zammit qatta' l-ħajt tagħna, huwa ċempilli u qalli li hu kien ser iqatta mill-ħajt in kwistjoni sabiex jkun jista' jidħol bit-trakkijiet tiegħu fil-barriera tiegħu. Kien dak il-ħin li sirt naf li Frans kien xtara l-barriera faċċata tagħna u rrispondejt billi għidtlu li l-ħajt huwa proprjeta tiegħi u ta' ħuti, li huwa ma xtarax il-ħajt tagħna u li ghalhekk ma kellux għalfejn imissu. Barra minn hekk jien għidtlu li sabiex nagħtih il-permess iqatta mill-ħajt, kelli bżonn il-permess mingħand ħuti billi jien sħab ma' żewġ ħuti fil-barriera. Jien għidtlu wkoll li seta' jirranġa l-aċċess fuq in-naħa tiegħu jiġifieri fejn kien xtara hu biex it-

trakkijiet tiegħu jkun jistgħu jgħaddu mill-isqaq ma kellux għalfejn imiss ħwejjeġ ħaddieħor.'

Jixhed ulterjorment li minn kif kellmu Francis Zammit hu fehem li hu kien xtara l-barriera u mhux xi kumpanija u la semma l-uliedu u lanqas xi kumpanija.  Jżid li Frans kien qallu biex jiltaqgħu fuq il-post u hekk ġara.  Ir-rikorrent jgħid li Frans qallu fejn kien beħsiebu jqatta' l-ħajt tar-rikorrenti u r-rikorrent jerġa' jinsisti fix-xiehda tiegħu li fuq il-post lil Francis Zammit reġa' qallu biex iwessa' minn naħa tiegħu. Jixhed ukoll:

'Jien avżajtu li kont ser nerġa' nkellmu wara li nkellem lil ħuti u li hu m'għandux iwettaq l-ebda xogħlijiet qabel dan;

9.  Ngħid li jien kont bqajt immur ta' kuljum ħa nara li ma ntmess xejn.  Sas-Sibt 9 ta' Settembru 2017 kollox kien għadu kif kien. Madankollu, il-Ħadd l-10 ta' Settembru 2017 ħija, Carmel Farrugia, ċempilli u qalli li kien mar fil-barriera u sab il-ħajt in kwistjoni imqatta. L-għada jew jumejn wara ċempilt lil Frans u staqsejtu kienx hu li qatta il-ħajt.  Minnufih hu qalli li kien hu u li kellu d-dritt li jagħmel hekk.  Għal darb'oħra jien għidtlu li huwa kien daħal fi ħwejjġi u fi ħwejjeġ ħuti u li għalhekk kont ser immur nagħmel rapport mal-Pulizija.  Jien ma kontx naf min qatta iżda meta ċempilt lil Frans jien ikkonfermajt li kien hu għaliex beda jinsisti li hu kellu d-dritt li jqatta' l-ħajt tagħna.'

Iżid li fl-14 ta' Settembru, 2017 flimkien ma' ħuħ Carmel Farrugia marru jagħmlu rapport mal-Pulizija.  Ikompli jixhed dwar kif il-ħajt naqas fil-wisa' tiegħu u li kif inhu jikkonsisti f'periklu.

A fol. 76 et seq jinsab l-affidavit tar-rikorrent **Carmel sive Charles Farrugia.**  Dan ir-rikorrent jikkonferma dak li xehdu ħutu dwar kif

ġiet akkwistata oriġinarjament il-barriera u dwar il-ħxuna oriġinali tal-ħajt. Jgħid ukoll li kien ħuħ Pawlu li nfurmah li l-barriera ta' faċċata ta' tagħhom kienet inxtrat minn Francis Zammit. Dwar l-allegat spoll jixhed kif isegwi:

'7. Kien nhar il-Ħadd l-10 ta' Settembru 2017 meta jien mort sal-barriera u ltqajt ma sid ta' għalqa, ċertu Daniel miż-Żejtun, liema għalqa tinstab qabel il-barriera tiegħi u ta' ħuti. Huwa beda jurini l-ħajt tiegħu li kien maqlub u qalli li kienu qattgħu l-ħajt fil-barriera tagħna. Jien bqajt dieħel aktar'il ġewwa fl-isqaq li jifred il-barriera tagħna minn dik li issa nxtrat minn Sier & Sons Limited sabiex nara x'kien ġara u rajt li l-blat li kien jagħmel parti mill-ħajt li kellu ħxuna ta' madwar tliet piedi kien ġie mqatta' u kien sar ta' ħxuna ta' madwar pied jew disa' pulzieri. . .

8. Jien ċempilt lil ħija Pawlu biex ngħidlu x'kien ġara. Ħija nfurmani li huwa kien ċempel lil Frans u li kien ikkonferma li Frans kien qatta' l-ħajt tagħna meta beda jinsisti li hu kellu d-dritt li jqatta' l-ħajt.'

Ikompli billi jikkonferma li kien mar ma' ħuħ Pawlu sabiex jagħmel rapport mal-Pulizija nhar l-14 ta' Settembru, 2017.

Carmel Farrugia xehed in kontro-eżami a fol. 11 et seq tal-proċess. Jispecifika li hu kien ra l-ħsara li seħħet nhar l-10 ta' Settembru, 2017 filgħodu u għalhekk ix-xogħol ma sarx dakinhar.

Rat ir-rapport li sar mal-Pulizija u li jġib id-data tal-14 ta' Settembru, 2017 a fol. 80 tal-proċess liema rapport appuntu jindika meta nstab il-blat imqatta bħala dik tal-10 ta' Settembru, 2017. Fir-rapport ġie ndikat l-intimat Frans bħala l-persuna li qatta' l-ħajt ta' barra tal-barriera.

Rat a fol. 35 tal-proċess l-affidavit tal-intimat **Frankie Zammit** li minnu joħrog li huwa direttur tas-soċjeta' ntimata u kien preżenti ghall-kuntratt ta' xiri tal-barriera. Jiċħad izda li huwa qatta' xi hitan jew blat. Iżid li r-rikorrenti lilu qatt ma kellmuh.

Rat ukoll a fol. 36 tal-proċess l-affidavit tal-intimat l-ieħor **Vincent Zammit** li wkoll jikkonferma li huwa direttur tas-soċjeta' ntimata. Jixhed li wara li ġie ffirmat il-kuntratt ta' akkwist tal-barriera kien mar fuq il-post fl-isqaq in kwistjoni u hemmhekk kien kellmu wieħed mill-aħwa Farrugia. Isostni li dan kien qallu li l-isqaq huwa privat tagħhom u żied li hu jkun ħafna hemm u jekk ikollhom bżonn xi ħaga jkellmuh. Ix-xhud jgħid li rrisponda tant ieħor peress li kienu ser ikunu ġirien. Jixhed iżda li fuq talba tagħhom in-Nutar iċċekkjat u sabet li l-isqaq huwa reġistrat f'isem il-Gvern u li ma kien hemm l-ebda dritt privat fuq l-istess. Dwar dak li seħħ fl-allegat spoll jixhed kif isegwi:

'Jien niftakar li kont għidt lil missieri li biex ikunu jistgħu jidħlu u joħorgu komdi t-trakkijiet tal-kumpannija, kien hemm bżonn li l-isqaq, f'dik il-parti fejn tigi faċċata l-fetħa tal-barriera tagħna jitwessa.

Jien naf ukoll (u dana nafu ghax l-isqaq jurik) li l-istess sqaq, xi darba kien livell mal-wiċċ tal-ħajt jew ċint li dwaru saret din il-kawza. Il-marki tal-*jackhammer* jidhru cari fl-isqaq u fil-fatt, ir-rampa li tiġi eżatt ma' ġenb il-barriera li xtrat Sier & Sons tidher li ġiet iffurmata sabiex setgħet issir l-entratura għall-barriera ta' Farrugia.

Minħabba dan kollu, jiena kont mort u neħħejt ftit mill-blat tat-triq biex it-trakkijiet (li diġa kienu qed jilqtu l-ħitan biex jgħaddu),

ikunu jistgħu joħorġu kif suppost u jkun aktar sigur ghax-xufiera biex jidħlu u joħorgu għall-barriera tagħna. Jien qatt ma missejt il-proprjeta' ta' Farrugia iżda biss l-isqaq pubbliku.'.

In kontro-ezami a fol. 110 tal-proċess jixhed li l-operat tal-barriera huwa 'f'idejn Sier & Sons Ltd. u t-trakkijiet huma tal-istess ditta. Iżid li personalment aħna ma għandniex x'naqsmu mal-barriera.

Rat ir-ritratt mill-ajru li fuqu jidher immarkat l-isqaq in kwistjoni bil-kulur aħdar a fol. 31 tal-proċess.

Vincent Zammit xehed in kontro-eżami a fol. 125 et seq tal-proċess. Huwa jixhed li dwar il-livell tal-isqaq hu dejjem jiftakru kif inhu llum u għandu 36 sena. Jghid li:

'qatt ma tlabt permess mir-rikorrenti għax ma kellix għalfejn'.

Iżid li mir-riċerki minn imkien ma rriżulta kemm kellha tkun il-ħxuna tad-diviżorju.

Rat l-affidavit ta' **Francis Zammit** a fol. 37 tal-process. Jixhed li hu jiġi missier l-intimati l-oħra Vincent Zammit u Frankie Zammit li huma diretturi tas-socjeta' ntimata. Ikompli li hu ma kienx jaħdem bil-kumpanija ntimata odjerna izda b'kumpanija oħra. Jgħid li meta uliedu xtraw il-barriera, permezz tal-kumpanija ntimata, kien ċempillu wieħed mill-aħwa Deguara rikorrenti, staqsih jekk it-tfal kienux xtraw il-barriera u qallu prosit. Dwar l-allegat spoll jixhed kif isegwi:

'darba minnhom kont dieħel bil-vann fi Sqaq ta' Kandja biex inħallas lil Leli Farrugia għal xi rimi li l-kumpannija Sier & Sons limited kienet għamlet l-Imqabba f'barriera tal-aħwa Farrugia u

x'ħin waqaft quddiem il-gate tal-barriera li xtrat Sier & Sons, għidtlu li biex it-trakkijiet tal-kumpannija tat-tfal setgħu joħorġu sew mingħajr ma jagħmlu ħsara lil ħadd, kien hemm bżonn li jitqaxxar biċċa mill-ħajt li kien hemm fl-isqaq. Jekk niftakar sew kien Pawlu li kien qed ikellimni u kien qalli li ser ikellem lil ħutu.

Jien naf ukoll, (u dan nafu għax l-isqaq jurik) li l-istess sqaq, xi darba kien livell mal-wiċċ tal-ħajt jew ċint li dwaru saret din il-kawza. Il-marki tal-*jackhammer* jidhru ċari fl-isqaq u fil-fatt, ir-rampa li tiġi eżatt ma ġenb il-barrier li xtrat Sier & Sons tidher li ġiet iffurmata sabiex setgħet issir l-entratura għall-barriera ta' Farrugia.

Jiena nikkonferma li jien ma qattajt ebda ħitan jew blat iżda nikkonferma wkoll l-isqaq li jwassal ghal barriera ta' Sier & Sons huwa sqaq pubbliku li anke l-bdiewa li ghandhom l-għelieqi fl-inħawi jgħaddu minn dan l-isqaq.'

Rat li l-intimat Francis Zammit xehed in kontro-ezami a fol. 123 et seq tal-proċess. Jgħid li n-negozju qalbu fuq il-kumpanija sentejn qabel il-każ. Jikkonferma li hu kien mar ikellem lil Pawlu fuq il-post b'referenza għal dak li jixhed dwaru fl-affidavit:

'Mort inkellem lil Pawlu biex inqatta il-blat, għalkemm ngħid illi huwa pubbliku biex ma nieħux il-liġi f'idejjha.

Il-blat fejn tqaxxar huwa parti mal-barriera tar-rikorrenti u parti ma li sqaq. Il-blat kien wiesa x tlitt piedi w għalhekk ikkonkludejt illi kien parti minnu ta' li sqaq. . . .
Naqbel li ta' Farrugia qatt ma qaluli li stajt inqatta mil-ħajt. . . Lanqas qaluli li ma stajtx inqatta. Qaluli li kienu ser ikellmu lill ħuthom pero qatt ma ġew b'risposta.'

Rat ir-**rapport tal-Perit Tekniku l-Perit David Pace** a fol. 52 et seq tal-proċess. Fost affarijiet oħra l-Qorti tislet il-punti segwenti minn dan ir-rapport:

1. Li l-isqaq bejn iż-żewġ barrieri huwa ndikat mill-Perit Tekniku bħala wieħed pubbliku;
2. Rat ir-ritratt a fol. 54 minn fejn jidhru ż-żewġ barrieri tal-partijiet u l-isqaq in kwistjoni. Fuq l-istess ritratt jidher immarkat bil-kulur aħmar dik il-parti tal-isqaq fejn seħħ l-allegat spoll.
3. Quddiem il-Perit tekniku l-partijiet qablu li l-isqaq in kwistjoni huwa sqaq pubbliku u dan ġie wkoll ikkonfermat mix-xhud Karl Borg[7] rappreżentant tal-Awtorita' tal-Artijiet.

L-abbli Perit isegwi sabiex jikkonkludi kif isegwi:

'16. Mill-provi jirriżultaw ikkonfermati tlitt fatti u cioe':
a) illi li sqaq huwa pubbliku,
b) illi kien verament sar id-diskors fejn l-intimati permezz ta' Francis Zammit, kienu urew ix-xewqa lir-rikorrenti sabiex inehhu parti mill-wiċċ tal-blat li kien jikkonfina il-proprjeta' tagħhom (ir-rikorrenti), u
c) l-intimati, permezz ta' Vincent Zammit, kienu għaddew sabiex mill-kliem imorru għall-fatti, u neħħew parti mill-blat.

17. M'huwiex ikkontestat illi kull wieħed mill-partijiet huwa is-sid tal-prorpjeta li bejnhom għaddej li sqaq. Għalhekk ma għandux x'jaqsam jekk hemmx attivita jew le fil-proprjetajiet rispettivi għaliex it-titolu fuq il-proprjeta xorta tibqa.

---

[7] Ara x-xhieda a fol. 118 tal-proċess.

18. Li sqaq huwa ikkonfinat lateralment mill-konfini tal-proprjetajiet ripsettivi tal-kontendenti. Fil-każ tal-intimati hemm il-ħitan mibnija. Fil-każ tar-rikorrenti hemm parti mill-konfini magħmul minn ċint tal-ġebel u parti huwa blat.

19. Isegwi illi l-istess kif l-intimati għandhom id-dritt li jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom bħala sidien tal-ilqugħ li jiffurma il-konfini tal-proprjeta tagħhom, daqstant ieħor għandhom l-istess dritt ir-rikorrenti, ikun xi jkun il-materjal li bih huwa iffurmat l-ilqugħ.

20. Għalhekk meta l-intimat Vincent Zammit qata mil-blat, ma kienx qed iqatta mil li sqaq, kif qal hu, iżda mill-konfini tal-barriera tar-rikorrenti.

21. L-esponent għalhekk jikkonkludi illi ir-rikorrenti ippruvaw illi kif allegat, l-intimati qattgħu mill-blat tagħhom illi jservi sabiex jifred il-barriera tagħhom mill li sqaq w għalhekk irrendew rwiehhom responsabbli għar-ripristinar ta' dana l-ilqugħ.

22. Naturalment m'huwiex possibbli illi il-blat jerġgħa jitqiegħed lura w għalhekk jiġi sostitwit b'qoxra tal-konkos jew, fejn tippermetti il-ħxuna, b'qoxra tal-*bricks* mimlija bil-konkos.'

Rat ir-ritratti annessi mal-istess rapport.

Rat id-dokumentazzjoni kollha l-oħra esebita quddiem il-Perit Tekniku fosthom kuntratti u ritratti mill-ajru.

Rat il-verbali fl-atti tar-rapport.

Rat ix-xiehda tar-rappreżentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar **Oliver Magro** a fol. 114 et seq tal-proċess li iżda minnha ma ħarġet l-ebda nformazzjoni rilevanti ghall-allegat spoll odjern.

Rat id-domandi u r-risposti in eskussjoni tal-Perit Tekniku a fol. 134 et seq tal-proċess. Fihom il-Perit jikkonferma li l-blat li tqatta' mill-intimati jew min minnhom kien parti mill-faċċata tal-barriera tar-rikorrenti. Dwar jekk l-intimati kellhomx permess tal-iżvilupp sabiex iwettqu x-xogħlijiet jgħid li r-rikorrent Carmel Farrugia xehed li l-Awtorita' tal-Ippjanar infurmatu li ma kienx hemm permess iżda ma tressqet l-ebda prova ulterjuri dwar kienx hemm permess jew le. Il-Perit jikkonferma li l-konfini laterali ta' sqaqien u toroq pubbliċi huma meqjusa li jiffurmaw parti mill-proprjeta' li hemm wara. Dwar jekk il-livell tal-wiċċ tal-isqaq jaffettwax b'xi mod il-konkluzjonijiet tieghu jikkonferma li le.

Semgħet u rat ix-xiehda viva voċe in eskussjoni tal-Perit Tekniku a fol. 140 et seq tal-proċess. Dwar l-istess domanda jekk varjax il-wiċċ tal-blat fl-isqaq u jekk dan ivarjax il-konklużjonijiet tiegħu jirrispondi:

'Le għax jien kif spegajt fir-rapport tiegħi kienet il-prassi illi l-proprjetajiet il-limiti, il-konfini fiżiċi ta' bejn il-proprjetajiet ikunu meqjusin tal-partijiet rispettivi ta' kull naħa tal-isqaq jiġifieri f'każ ipotetiku illi tqaxar dan il-wiċċ u niżel, tħalliet kif tħalla spazju fejn saret il-kostruzzjoni fuq in-naħa tal-intimati, tħalliet qoxra il-blat li kienet tirrapreżenta l-konfini tal-proprjeta' tar-rikorrenti. . . .
.
. . . Jekk il-konfini kif irrapreżentati waqt l-aċċess, kienux verament, korrettement jirrapreżentaw il-limiti tal-proprjetajiet rispettivi, ma dħaltx fiha, jiġifieri jien fuq il-post kien hemm indikazzjonijiet li kienu ilhom hemm, sew fil-binja tal-intimati u

kif ukoll l-blat u l-ġebel li kien hemm fuq il-konfini tar-rikorrenti illi dak kien l-istat tal-fatt u kif għidt skont il-prassi, dawn ġew meqjusa li huma l-konfini rispettivi tal-partijiet. . . .
. . . Jien li sibt kien dan, kien hemm passaġġ u kien hemm dawn il-konfini bejniethom pero' ssemma' fix-xiehda illi xi darba dan kien qaxxar l-wiċċ u ġie ffurmat il-passaġġ pero' jien l-konklużżjoni tiegħi fuq dak li rajt waqt l-aċċess li kkonstatajt jien stess.'

**Ikkunsidrat ulterjoment;**

**<u>Pussess:</u>**

Illi fil-każ odjern jirriżulta li l-allegat spoll seħħ għaliex ir-rikorrenti jsostni li l-intimati jew xi ħadd minnhom naqqas mill-ħajt iffurmat minn blat li jifred il-barriera proprjeta' tar-rikorrenti minn mal-isqaq li hemm qbil li huwa sqaq pubbliku. L-intimati Francis Zammit (il-missier) u Vincent Zammit ma jichdux li kienu huma li wettqu x-xogħol biex dan il-blat tqatta' ghalkemm Francis Zammit jikkontradixxi ruhu bejn l-affidavit u l-kontro-eżami tieghu. Jsostnu izda li dan il-blat għandu jiġi kunsidrat bħala formanti parti mill-isqaq pubbliku u mhux mill-proprjeta' tar-rikorrenti. Jargumentaw li xi darba l-isqaq kellu livell aktar gholi u kien kollu jikkonsisti fi blat. Jirriżulta iżda lill-Qorti kemm mix-xhieda kif ukoll mir-rapport tal-Perit Tekniku li s-sitwazzjoni preżenti tal-isqaq ilha hekk għal għexieren ta' snin.

Il-Qorti rat li l-Perit Tekniku David Pace fir-relazzjoni tiegħu kkonkluda li l-blat in kwistjoni kien jifforma parti mill-proprjeta' tar-rikorrenti u mhux mill-isqaq. Baqa' jsostni din il-konkluzjoni tiegħu wkoll fir-risposti għall-eskussjoni. Da parti taghhom ir-rikorrenti fl-affidavits lkoll kkonfermaw li dan il-blat huma sabuh

kif kien qabel l-allegat spoll lura fil-bidu tas-snin disghin u dejjem qisuh bhala formanti parti mill-proprjeta' taghhom. Din is-sitwazzjoni baqghet hekk sa qabel saru x-xoghlijiet mill-intimati msemmija. Stante li din hija kawza ta' spoll u ghalhekk skont il-gurisprudenza din il-Qorti mihiex tenuta li tidhol fi kwistjonijiet ta' titolu izda biss f'ezami tal-pussess jew mera detenzjoni l-Qorti ghandha tqis l-element tal-pussess fil-mument tal-ispoll u mhux kif qed jipretendu l-intimati diversi ghexieren ta' snin qabel. Il-Qorti tqis li abbazi tax-xhieda tar-rikorrenti kif ukoll tal-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku, li fl-atti tressqu provi sufficjenti li jikkonvincuha li r-rikorrenti kienu fil-pussess tal-blat in kwistjoni qabel ma sehh l-att u ghalhekk dan l-element ġie sodisfatt;

**<u>Spoll vjolenti u klandestin:</u>**

Mill-atti jirriżulta li l-intimati stess ħassew l-obbligu li javviċinaw lil wieħed mir-rikorrenti u nfurmawh li xtaqu jqattgħu il-blat in kwistjoni sabiex jitwessa l-isqaq u l-vetturi tagħhom jgħaddu aktar komdi. Ir-rikorrent Paul Farrugia xehed li meta ġie avviċinat, hu fl-ebda ħin ma ta l-kunsens tiegħu sabiex isiru x-xogħlijiet. Anzi jżid li hu ghamilha cara mal-intimat Francis Zammit (il-missier) li jekk kellhom iwessghu, dan kellhom jagħmluh min-naħa tal-ħajt tal-barriera tagħhom u mhux min-naha tal-ħajt tar-rikorrenti. Ghamilha ċara wkoll li l-proprjeta' ma kinitx tiegħu biss u li kien ser ikellem lil ħutu. Il-Qorti tqis li dan il-kliem, bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jinftiehem li r-rikorrenti taw xi kunsens għax-xogħlijiet lill-intimati anzi bil-kontra. L-intimat Francis Zammit xehed minghajr eżitazzjoni li hu xorta waħda baqa' għaddej bix-xogħlijiet għax ma ħassx li kellu bżonn il-kunsens tar-rikorrenti. L-istess xehed in kontro-eżami l-intimat ibnu Vincent Zammit. Ir-rikorrenti saru jafu li effettivament tqatta' l-blat fil-

pussess tagħhom l-ghada li dan seħħ meta r-rikorrent Carmel Farrugia mar fuq il-post u sab il-fatt kompjut.

In vista tas-suespost l-Qorti tqis ghalhekk li fl-atti tressqu provi sufficjenti li jevidenzjaw l-element ta' vjolenza u klandestinita' b'dan li dan l-element ukoll gie sodisfatt.

**<u>Infra bimestre deduxisse:</u>**

Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti jsostnu li l-att spoljattiv seħħ lejliet il-ġurnata li huma sabu l-fatt kompjut. Fir-rapport intavolat mal-Pulizija tigi ndikata d-data tad-9 ta' Settembru (ara fol. 80 et seq). Ir-rikorrent Paul Farrugia a fol. 74 tal-proċess xehed li nhar id-9 ta' Settembru filghodu hu mar fuq il-post u kollox kien għadu sew. L-għada filgħodu mar fuq il-post ir-rikorrent ħuħ Carmel Farrugia u sab il-blat imqatta'. Għalhekk din il-Qorti hija konvinta li l-att spoljattiv seħħ xi ħin nhar id-9 ta' Settembru, 2017, wara li kien mar jittawwal ir-rikorrent Paul Farrugia. Il-kawza odjerna ġiet intavolata nhar id-9 ta' Novembru, 2017 u għalhekk eżatt entro t-terminu tax-xahrejn impost mil-liġi. Dan l-element ghalhekk huwa wkoll sodisfatt.

**<u>Legittimu Kontradittur:</u>**

L-intimati jsostnu li personalment m'humiex il-leġittimi kontradditturi f'dawn il-proċeduri stante li l-barriera li minħabba fiha wettqu x-xogħlijiet mhiex proprjeta' personali tagħhom iżda hija proprjeta' tal-kumpanija ntimata li tagħha huma diretturi. Il-Qorti terġa iżda tirrileva li din mhiex kawża petitorja u li f'kawza ta' spoll jeħtieg biss li jiġi pruvat min wettaq l-att, li kif jingħad fl-ambitu kriminali, permezz tiegħu ħa l-liġi b'idejh.

Il-Qorti rat li mill-atti jirriżulta li l-intimat Francis Zammit (missier ir-rikorrenti l-oħra) preżenta ruħu mar-rikorrent Paul Farrugia bħala l-persuna li xtara l-barriera flimkien ma' uliedu. Mill-provi jirriżulta li fl-ebda ħin waqt il-konversazzjoni mar-rikorrent ma ssemmiet il-kumpanija. In oltre fl-atti rriżulta li l-att spoljattiv huwa ammess li sar mill-intimat Francis Zammit u ibnu l-intimat Vincent Zammit. Għalkemm huwa minnu li mill-atti rrizulta li l-intimat l-ieħor Frankie Zammit ma kienx fuq il-post fil-ħin li sar dan ix-xogħol dan il-fattur ma kienx not għar-rikorrenti fil-mument li ġiet ntavolata l-kawża. F'dan l-istadju għalhekk il-Qorti hija fil-posizzjoni li tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju biss lill-intimat Frankie Zammit (KI 476880 M). Il-kumpanija ntimata hija wkoll legittimu kontradittur stante li fuqha wkoll jinkombi l-obbligu tar-ripristinu.

**<u>Ripristinu *status quo ante*:</u>**

L-intimati jsostnu fir-risposta tagħhom li fi kwalunkwe każ la darba l-blat tqatta' issa ma jistax jiġi ripristinat. Dwar dan il-Perit Tekniku nominat minn din il-Qorti kkonkluda u rrakomanda kif isegwi:

'22. Naturalment m'huwiex possibbli illi il-blat jerġgħa jitqiegħed lura w għalehkk jiġi sostitwit b'qoxra tal-konkos jew, fejn tippermetti il-ħxuna, b'qoxra tal-*bricks* mimlija bil-konkos.'

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti xehdu li l-blat fil-ħxuna li jinsab fih wara l-att spoljattiv jikkostitwixxi f'periklu u li jeħtieġ li jigi nfurzat. Il-Qorti tqis allura li, fil-każ odjern ir-ripristinu għandu jsir kif indikat mill-Perit Tekniku David Pace, kif suespost fuq direzzjoni tiegħu stess, dan sabiex tiġi ripristinata l-ħxuna ta' blat eżistenti fuq is-sit qabel l-ispoll. Din il-ħxuna tirriżulta mill-

affidavits tar-rikorrenti li lkoll jindikaw li l-blat minn ħxuna ta' tliet piedi tnaqqas ghal ħxuna ta' pied. Għalhekk għandha tiġi ripristinata ħxuna ta' żewġ piedi sabiex b'kollox ikun hemm tlett piedi konsistenti parti blat u parti ħajt ripristinat.

**<u>Deċizjoni:</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' biss in parte l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u tillibera mill-osservanzja tal-ġudizzju lill-intimat Frankie Zammit (KI 476880M) filwaqt li tiċħadha fil-bqija;

2. Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati;

3. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi għar-raġunijiet kif premessi, l-intimati kollha esklużż Frankie Zammit (KI 476880M) ikkommettew spoll klandestin u vjolenti ghad-detriment tar-rikorrenti;

4. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimati kollha ħlief Frankie Zammit (KI 476880M) sabiex fi zmien xahrejn, jagħmlu dawk ix-xogħlijiet rimedjali kollha opportuni sabiex jirripristinaw lir-rikorrenti fit-tgawdija ta' ħwejjighom ossia r-reċint tal-barriera proprjeta' tagħhom "Soft Stone Quarry Number 26" ġewwa Ta' Kandja, fil-limiti tal-Imqabba u senjatament dik il-parti tar-recint li taghti ghal fuq l-Isqaq Ta' Kandja dejjem fil-limiti tal-Imqabba skont id-direzzjoni li tat din il-Qorti f'din id-deċizjoni taħt it-titolu '**Ripristinu status quo ante**', u dan

taħt is-supervizjoni tal-Perit David Pace li qed jerġa' jiġi nominat għal dan il-għan;

5. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u fin-nuqqas, tawtorizza lill-rikorrenti jagħmlu dawk ix-xoghlijiet rimedjali a spejjeż tal-intimati kollha eskluz Frankie Zammit (KI 476880M) taħt is-supervizjoni tal-Perit David Pace;

Bl-ispejjeż kollha, nkluż tal-Perit nominat il-Perit David Pace, kontra l-intimati kollha eskluż biss Frankie Zammit (KI 476880M)

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**16 ta' Dicembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Dicembru, 2021**